# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 392/2014**

Il-Pulizija

vs

**Fabio Psaila**

iben Alfred, imwieled Pieta', fid-19 ta' Gunju, 1974, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 318874(M)

Illum, 29 ta' marzu, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Fabio Psaila quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fis-17 ta' Settembru, 2013, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b' kuntratt biex jaghti lil Isabella Mercieca u/jew lill-ulied is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/ jew ghall- ulied fi zmien 15- il jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il- kuntratt ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta' Settembru, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ghaldaqstant

kkundannatu gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Fabio Psaila tad-9 ta' Ottubru, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza fuq indikata tad-29 ta' Settembru, 2014 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura tilliberah mill-akkuza dedotta kontra tieghu.

Rat l-aggravju tal-appellant u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamiltx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Il-Qorti giet informata mill-appellant li ma jistax jhallas ghaliex m'ghandux dhul u jghix fuq il-karita ta' ommu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi permezz tal-verbal tas-seduta tad-29 ta' Marzu, 2016 din il-Qorti giet infurmata mill-parte civile li l-appellant hallas dak kollu dovut u ghalhekk ma ghandha ebda interess fl-ezitu ta' dan l-appell.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tichad l-appell ta' Fabio Psaila u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minflok tillibera lil Fabio Psaila taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar mil-lum.